# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt


12/16

**Minuti tat-tnax -il laqgħa tas-sittax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta 29 ta' Diċembru 2009, fis-6pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |

1.0 <u>Item 1: Talba</u>

1.1 Il-laqgħa infetħet b'talba qasira mis-Sindku.

**2.0 <u>Item 2: Qari u approvazzjoni tal-minuti</u>**

2.1 Il-minuti tal-24 ta' Novembru 2009 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati kif koreġuti.

2.1.1 Minuta 3.5 tiġi tinqara: 'F'dan l-istadju (7:15pm) is-Sur Camilleri talab li jkun temporanjament skużat mil-laqgħa sakemm imur id-dar iġib petizzjoni biex tkun diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill.'

2.1.2 Minuta 3.6 addenda: 'Is-Sur Sultana kien kontra li jinbidel l-isem.'

2.1.3 Minuta 8.3.1 L-ewwel sentenza tiġi tinqara: 'GreenMT: Dawn lesti jixtru l-iskart reċiklabbli għal €15 għall kull tunnellata iżjed iżda l-iskart nibqgħu niġbruh aħna.'

2.1.4 Minuta 8.4.1 addenda: 'bi prezz ta' €10 l-iSplash and Fun'.

2.1.5 Minuta 9.1 addenda wara l-ewwel sentenza: 'dwar dħul ta' containers fl-imsemmija triq'.

**3.0 <u>Item 3: Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti</u>**

3.1 Minuta 3.2: Is-Sur Anastasi qal li meta intqal xi diskors fil-preżenza tal-iskrivani, hu ħadhom li kienu qed jirreferu għal każin. Kompla jgħid li fil-laqgħa tal-Kunsil ta' nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2009 hu kien stqarr l-imsemmi kliem u kull kliem ieħor li seta irrimarka qabel kellu jaqa. Qal ukoll li ma riedx jitfa dell ikraħ fuq ħadd u li dan kien jafu kulħadd inkluż is-Sur Sultana għax skond hu, kulħadd jaf li l-għaġir ma jirriflettix tajjeb mal-karattru tiegħu. Is-Sur Sultana qal ma missux issemma l-isem tiegħu b'dan il-mod.

3.2 Minuta 4.1.5: Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-fiera u l-konferenza kienet se tiġi posposta b'ġimgħa minħabba konferenza oħra. Qal ukoll li rnexxielu jġib sponsor ta' video conferencing.

Is-Sur Anastasi staqsa għaliex is-Sur Camilleri ma kienx se jkun involut fiha. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li s-Sur Camilleri għandu jingħaqad mas-Sindku, mas-Sur Briffa u mas-Segretarju Eżekuttiv.

3.3 Minuta 8.2: Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li kien lest jikkonċedi s-somma imnaqqsa jekk l-ispiża tal-konsum u manutenzjoni tkun riflessa fl-allokazzjoni allura jinforma l-kaz lill-Onorevoli Chris Said. Sa dan it-tant, il-flus dovuti lilhom għandhom ikunu depositati l-Qorti.

3.4 Minuta 8.4.1: Is-Sur Anastasi lmenta li kien hemm nuqqas ta' informazzjoni u involvement minn Kunsilliera oħra fil-ħarġa tat-tfal u fl-Istrina.

4.0 Item 4: Korrispomdenza

4.1 Il-Kunsill tratta din il-korrospondenza:

4.1.1 Skema Fondi għall-Proġetti Speċjali re: Masġar. Il-Kunsill qabel li jitlob spjegazzjoni għaliex il-proġett imsemmi ma kienx eliġibbli.

4.1.2 26th July Fireworks re: Barriers. Il-Kunsill qabel li japplika l-ADT. Is-Sur Sultana ma qabilx. Iżda l-Kunsill unanimament qabel li jneħħi barriers minn Triq il-Brunżar u minn Triq Misraħ il-Barrieri (fejn Podium) peress li mhumiex koperti bil-permess tal-Kunsill.

4.1.3 AKL re: skema ta' computers rikondizzjonati. Il-Kunsill qabel.

4.1.4 Kumitat Festi Esterni Parroċċa Santa Venera re: talba għall-għajnuna. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-liġi l-ġdida tal-Kunsilli Lokali (63A) hi ċara 'Kull donazzjoni kemm fi flus kif ukoll mhux bi flus minn xi Kunsill Lokali hi pprojbita.' Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li jimxi skond il-liġi.

4.1.5 Kumitat Konġunt re: tqassim ta' fondi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva €10,993.06. Is-Sur Anastasi iddikjara li fil-Kumitat Konġunt hu ma kienx qabel li l-fondi għandhom jitqassmu b'dan il-mod għax skond hu mhux qed jitqassmu b'mod ġust. Is-Sur Camilleri iddikkjara li hu ma jaqbilx li l-Kunsilli Lokali jservu bħala kolletturi tat-taxxi u ippropona sabiex issir talba lill-Kumitat Konġunt u lill-ADT sabiet il-veloċita massima taħt il-mini titla għal 70km/hr. Din il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Anastasi. Il-Kunsill qabel. Is-Sur Sultana iddikjara li hu kontra l-prinċipju ta' speed camera.

4.1.6 Dipartiment Gvern Lokali re: Performance Bonus. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar memo 86/2009 fejn tispeċifika li l-Performance Bonus għandu jitħallas matul Jannar 2010. Ġibed l-attenzjoni wkoll tal-iskeda tal-pagamenti (PV 4333 Chq 308) u qal li l-pagament ma kienx jinkludi l-performance bonus tiegħu iżda kien jinkludi biss aġġustament tal-paga u allura tal-perfomance bonus tas-sena l-oħra. Dan wara li l-accountant indunat li l-paga kienet qed tiġi kalkulata ħażin.

4.1.7 MEPA re: Ċint F.Busuttil & Sons Ltd. Il-Kunsill qabel li jitlob żmien definit għal dan ix-xogħol u jinforma l-awtoritajiet dwar it-traffiku f'Misraħ Santa Venera minħabba l-containers.

4.1.8 Central Asphalt re: pagamenti. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-iskeda tal-pagamenti (PV 4337 Chq 312) u qal li wara li tkellem mal-accountant, il-Kunsill jiflaħ iħallas dik is-somma kollha indikata. Qal ukoll li ftiehem mall-kuntrattur li l-bilanċ jitħallas lili f'Jannar 2011. Iżda xejn ma jżomm lill-Kunsill li jħallas il-bilanċ dovut qabel.

4.1.9 Dipartiment Gvern Lokali re: Posta Eletronika għal kull Kunsillier. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni ta' memo 85/2009 u qal li qed jitkellem mad-Dipartiment dwar diffikultajiet speċifiċi fosthom għal fatt li mhux kull Kunsilier għandu computer, mhux kull Kunsillier hu intiż fil-computer u dwar l-ispejjeż tal-istampar tad-dokumenti mibgħuta lilhom.

5.0 Item 5: Rapporti

5.1 Is-Sur Camilleri poġġa fuq il-mejda tal-kamra kopja tar-rendikont finanzjarju tal-Vetrina Vendriża li saret f'Baystreet nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru 2009.

5.2 Il-Kunsill iddiskuta r-rapporti tal-Contracts' Manager għax-xahar ta' Novembru 2009. Fuq l-istess rapport, il-Kunsill qabel li jinnegozja mall-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart għal tbattil ta' skips nhar ta' Ħadd wara nofsinhar sa spiża massima ta' €250 fix-xahar.

6.0 Item 6: Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni)

6.1 L-iskeda għal *cheque payments* (25 ta' Novembru 2009 sad-29 Diċembru 2009) tqassmet lill-Kunsilliera kollha u ġiet approvata. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sinjuri Bugeja u Formosa.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ammont indikat għal ħlas lill-Wasteserv (PV 4340 Chq 315) diġa' tħallas lill-Kunsill mid-Dipartiment permezz ta' trasferiment dirett fil-kont bankarju tal-Kunsill. Fil-fatt, il-Kunsill irċieva l-ammont ekwivalenti sa Diċembru 2009.

6.2 Tqassmet skeda ta' petty cash (25 ta' Novembru sas-17 ta' Diċembru 2009) u ġiet approvata. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sinjuri Bugeja u Formosa.

6.3 Tqassmet ukoll *schedule of receipts* (11 ta' Novembru 2009 sas-27 ta' Novembru 2009).

7.0 Item 7: Ilmenti

7.1 Il-Kunsill tratta dawn l-ilmenti:

7.1.1 (181): Il-Kunsill qabel li titħejja stima mill-periti tal-Kunsill.
7.1.2 (182): Il-Kunsill ma qabilx.
7.1.3 (183): Il-Kunsill ma qabilx.
7.1.4 (184): Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Onor. Chris Said b'dan id-dewmien.
7.1.5 (185): Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Onor. Chris Said b'dan id-dewmien.
7.1.6 (186): Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Onor. Chris Said b'dan id-dewmien.
7.1.7 (187): Il-Kunsill qed jitlob kopja tal-permess u indikazzjoni tal-post fejn hu.
7.1.8 (188): Il-Kunsill innota li sar iż-żbir neċessarju.
7.1.9 (189): Il-Kunsill ma qabilx.
7.1.10 (190): Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
7.1.11 (191): Il-Kunsill qed jitlob kopja tal-permess tal-garaxx.
7.1.12 (192): Il-Kunsill qabel li jerġa jikteb lill-Prim Ministru.
7.1.13 (193): Il-Kunsill ma qabilx li ssir għalissa minħabba raġunijiet finanzjarji.
7.1.14 (194): Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
7.1.15 (195): Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.

8.0 Item 8: Ordnijiet tal-Ġurnata

*8.1 Il-Patt tas-Sindki*

8.1.1 Is-Sindku qalet li fil-bidu tas-sena li ġejja hi, flimkien ma numru ta' Sindki oħra, kienet se titla Brussel sabiex tiffirma d-dokument imsemmi. Peress xi Kunsilliera xtaqu ikun jaf aktar, qabel li jistieden lil xi membru mill-Assoċċjazzjoni għal laqgħa ta' informazzjoni.

8.1.2 F'dan l-istadju (8:30pm) is-Sur Camilleri talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

*8.2 Ftehim dwar il-ġbir ta' skart reġiklabbli*

8.2.1 Wara spjegazzjoni sħieħa mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill qabel li jinnegozja mal-Greenpack għall-ewwel u t-tielet skema inkorporati u jesplora ġbir ta' skart reċiklabbli darbtejn fil-ġimgħa.

*8.3 Ċerimonja Ġieħ Santa Venera*

8.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ċ-ċerimonja kienet se ssir nhar il-Ġimgħa 8 ta' Jannar 2010 fil-Kulleġġ St Elia. Wara diskussjoni, is-Sur Anastasi ippropona li ċ-ċerimonja ssir il-Ġimgħa 15 ta' Jannar 2010 peress li fit-8 ta' Jannar hu kien se jkun indispost. Din il-proposta ġiet

sekondata mis-Sur Sultana. Il-Kunsill qabel b'erba' voti favur (Is-Sinjuri Anastasi, Sultana, Bugeja u Formosa) u vot kontra (Is-Sindku).

B'vot unanimu, Il-Kunsill qabel jirregala tokens tal-ħġieġ lill-ex membri tal-kumitat tal-għażla u lin-nominati kollha.

9.0 Item 9: Aġġornament

9.1 Is-Sur Sultana tkellem dwar tabella tan-no entry nieqsa fejn il-LiDL, dwar permess ta' cranes u skips fi żmien il-festi u estensjoni ta' bankina ta' Triq il-Lunzjata k/m Triq Misraħ il-Barrieri.

9.2 Is-Sur Anastasi talab li tinbagħat ittra ta' informazzjoni lir-residenti ta' Triq it-Turretta u Misraħ Santa Venera biex ma jipparkjawx quddiem il-garaxxijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma jistax jagħmel dan skond regolament 77 tal-MVR.

9.3 Il-laqgha intemmet fid-9:05pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 26 ta'Jannar 2010 fis-6pm b'aġenda tkun komunikata aktar tard.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 26 ta' Jannar 2010 | Chairperson |